MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 362/2013

Anthony **D'Alfonso**

**Vs**

**Mario Attard**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-19 ta' Gunju, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf u wiehed u tletin euro u disgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€1,031.49c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Billi r-rikorrenti jeżerċita s-sengha ta' sprayer u panel beater.
>
> U billi r-rikorrenti ghamel diversi xogholijiet u nkorra spejjez b'inkarigu tal-intimat fuq il-vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN-201.

U billi l-ammont bilanċjali dovut mill-intimat lir-rikorrent ghal dawn ix-xogholijiet u spejjez inkorsi huwa fl-ammont ta' elf wiehed u tletin euro u disgha u erbghin ċenteżmu (€1,031.49c).

U billi l-intimat minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont dovut lir-rikorrent kif hawn fuq spjegat baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara illi r-rikorrent ghamel xogholijiet u nkorra spejjez b'inkarigu tal-intimat fuq il-vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN-201.

2. Jiddikjara li l-hlas bilanċjali dovut lir-rikorrent mill-intimat ghal dawn ix-xogholijiet u spejjez jammonta ghal elf wiehed u tletin ewro u disgha u erbghin ċenteżmu (€1,031.49c).

3. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent s-somma ta' elf wiehed u tletin ewro u disgha u erbghin ċenteżmu (€1,031.49c).

   Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali intavolata ai termini tal-166A tal-Kap 12, datata 10 ta' Mejju, 2013, ghal liema l-intimat ippreżenta risposta, bl-imghaxijiet".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-18 ta' Lulju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi ma huwa dovut l-ebda ammont lil attur, u dan stante li x-xoghol li sar mill-attur fuq il-vettura targata BBN-201 ta' l-ghamla Toyota Starlet, ma kienx skond l-arti u s-sengha, tant li l-intimat kellu jinkariga persuna ohra sabiex jitwettaq l-istess xogholijiet.

> Inoltre, l-intimat ivversa diversi pagamenti lil attur, ta’ xoghol li ma kienx skond l-arti u s-sengha, ghal liema pagamenti, qieghda titressaq kontro-talba ghar-rifuzjoni ta’ l-istess ammonti. Bl-ispejjez kontra l-istess attur”.

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-intimata** fil-konfront tar-rikorrent fejn stqarr hekk:

> “Illi l-attur rikonvenzjonat ghandu jhallas l-ammont ta’ Ewro 1,300 (elf u tlett mitt ewro) rappreżentanti hlasijiet ivversati mir-rikonvenzjonant ghal xogholijiet fuq il-vettura targata BBN-201, li ma kienux skond l-arti u s-sengha”

Ra **r-risposta tar-rikorrenti ghal-kontro-talba** tal-intimat minnu mressqa fid-9 ta’ Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk:

> “1. Illi fil-mertu, t-talba rikonvenzjonali hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez, billi x-xoghol esegwit mir-rikorrent rikonvenut sar skont is-sengha u l-arti, u ghaldaqstant l-esponent m’ghandu jhallas xejn lill-konvenut rikonvenzjonat, skont ma ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> 2. Illi ghaldaqstant it-talba rikonvenzjonali ghandha tiġi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenzjonat.
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri”

Ra l-verbal tat-8 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand il-intimat is-somma ta' €1,031.49c bhala ammont bilanċjali ghal xogholijiet u spejjez inkorsi fuq vettura proprjetà ta' l-istess intimat tal-marka Toyota Starlet bil-pjanca ta' reġistrazzjoni BBN-201. L-intimat laqgha ghal din it-talba billi qal li l-ebda ammont ma huwa dovut stante li x-xoghol li sar mir-rikorrenti fuq l-imsemmija vettura ma kienx skond l-arti u s-sengha tant li l-intimat kellhu jinkariga persuna ohra sabiex jwettaq l-istess xogholijiet.

2. L-intimat, in vista tal-fatt li x-xoghol fuq il-vettura tieghu ma sarx skond l-arti u s-sengha ressaq kontro-talba fejn talab lir-rikorrenti jaghtih lura l-flejjes kollha li huwa kien hallsu bhala depositu akkont tax-xogholijiet li huwa kien talbu jaghmel fuq il-vettura tieghu. Ir-rikorrenti da parti tieghu wieġeb u qal li din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontrih billi x-xoghol esegwit minnu sar skont is-sengha u l-arti.

Ikkunsidra;

3. **Ir-rikorrenti xehed** u qal li xogholu huwa ta' *mechanic*, *panel beater* u *sprayer*. Qal li l-intimat kien ġablu vettura tat-tip Toyota Starlet sabiex "*nirrangalu daqqa li kellu fuq il-mud guard ta' quddiem il-pilastru u l-hgiega tan-naha tax-xellug*" (fol. 12). Waqt li kien ghaddej ix-xoghol, l-intimat kien inkariga lir-

rikorrenti sabiex jisprejja din il-vettura minn bajda ghal vjola metallic. Ir-rikorrenti stqarr li l-intimat kien ghamel is-segwenti pagamenti akkont tal-prezz finali:

i. €200 – 16 ta' April, 2012;
ii. €600 – 23 ta' April, 2012;
iii. €500 – 30 ta' Mejju, 2012;

Kompla jghid li f'Gunju, 2012 huwa ma setax jahdem u dan peress li kien weggha fuq il-lant tax-xoghol. Fl-4 ta' Awwissu, 2012 kien telgha d-daqqiet kollha li kellha l-vettura kif ukoll kien lesta mill-ispray. Xi tlett ijiem wara, jkompli jghid ir-rikorrenti, l-intimat kien ha l-vettura minghandu u dan sabiex jehodha ghand il-garaxx tal-pulizija ġewwa l-Furjana sabiex jaghmlilha test tad-duhhan. Wara li hadha l-Furjana imbaghad, l-istess intimat kien cempillu u qallu li kien ser jehodha ghand *mechanic* sabiex ibiddel il-magna. Qal li l-intimat ried iġib il-vettura li kellhu ghal Toyota Glanza "*... li hija l-istess bhal l-iStarlet però jkun hemm xi ftit affarijiet differenti bhal brackets li jżommu l-affarijiet*" (fol. 13). Bhala xogholijiet huwa bidillu l-bonnet, l-fanali, l-bumpers ta' quddiem u ta' wara, is-*side skirts*, l-*indicators*, u xi affarijiet ohra biex it-Toyota ta' l-intimat tiġi tat-tip Glanza. Ir-rikorrenti kellhu jwahhal ukoll *mud shield* però ma setax jaghmel dan l-ghaliex l-intimat kien ha l-vettura minghandu. L-intimat kien ikun preżenti fil-garaxx tar-rikorrenti "*.... darba iva u darba le*" u "*... qatt ma qajjem xi lment dwar il-kwalita tax-xoghol illi kont qieghed naghmel jiena fuq il-vettura tieghu*" (fol. 13).

Ir-rikorrenti qal li l-kont ghax-xoghol kollu li huwa ghamel fuq il-vettura tal-intimat kien ta' €2,331.49c. Minn dan l-ammont, l-intimat kien hallsu biss is-somma ta' €1,300 kif fuq spjegat u ghalhekk kien ghad fadallu jhallsu bilanċ ta' €1,031.49c. L-intimat, ikompli jghid ir-rikorrenti, dejjem kien iweghdu li kien ser ihallas dan il-bilanc, iżda wara li baqa ma hallsux, huwa kellhu jistitwixxi dawn il-proceduri.

Meta r-rikorrenti gie mistoqsi dwar il-kwistjoni tat-tperpir li kien fiha l-vettura tal-intimat, huwa rrisponda billi qal li "*... meta tara karozza bajda tara sabiha u nadifa meta mbaghad sprejjajniha vjola jiena mal-ewwel kont ghidtlu illi ser ikun hemm hafna aghffiesi u jidhru l-ghaliex il-kulur kien skur u allura jikxef id-dnub*" (fol. 13). Kompla jghid li l-intimat lilu qatt ma qallu li kien hemm xi ghafsa fuq il-vettura tieghu u sabiex jirranġalu l-istess. Qal li x-xoghol tant ghogbu lill-intimat illi sahansitra kien tella fuq il-*facebook page* tieghu xi ritratti ta' din il-vettura u l-kliem "*kemm ġiet sabiha l-karozza*" (fol. 13). Ir-rikorrenti esebixxa imbaghad sensiela ta' ritratti li juru l-vettura ta' l-intimat. Xi uhud minn dawn ir-ritratti tniżżlu mill-*facebook page* ta' l-intimat.

Mistoqsi jekk kienx sar xi ftehim ma' l-intimat ghar-rigward ta' l-ispejjez qabel ma kien inbeda x-xoghol, r-rikorrenti qal li "*... fuq l-ispray biss jiena kont ghidtlu li x-xoghol kien ser jiġi qrib il-hmistax-il mitt ewro (€1500) dan kont ghidtulu fil-bidu meta kien qalli li xtaq ibiddel il-kulur tal-karozza, fuq l-ispejjez l-ohra kont ghidtlu ukoll*" (fol. 14).

In kontro-ezami, r-rikorrenti kkonferma li l-intimat qatt ma kien gibidlu l-attenzjoni ghal fatt li huwa ma kienx sodisfatt bix-xoghol li kien ghamillu fuq il-vettura.

L-intimat, jkompli jghid ir-rikorrenti, kien ha l-vettura lejn l-ahhar ta' Jannar 2012 u hadha lura lejn l-ahhar ta' Lulju, bidu ta' Awwissu, 2012. L-intimat kien ighid lir-rikorrenti li huwa ma kellhux ghagla biex jiehu l-vettura u ghalhekk huwa kien ikompli bix-xoghol ta' haddiehor. Qal li meta "*... l-intimat ha l-vettura lura minghandi l-karozza kienet kważi lesta*" (fol. 48). Dan ghamlu l-ghaliex, kif diġà inghad, l-intimat "*... kellu jmur ghand il-pulizija biex jiċċekkjaw xi haġa fuq il-vettura ghax kienet qeghda ddahhan hafna*" (fol. 48).

Dwar l-*ispray*, r-rikorrenti qal li l-intimat kien qallu li fejn hemm il-magna huwa ma riedx li jkun hemm spray u ghar-rigward ta' l-ispoiler, wara li huwa kien

informa lill-istess intimat li kien hemm cans kbir illi jinkiser jekk jinqala, huwa kien qallu biex jiksih u jhallieh fil-post.

Il-kwistjoni inqalghet meta r-rikorrenti kien ta l-kont ghax-xoghol li huwa kien ghamel fuq din il-vettura lill-intimat. Kien dak il-mument li huwa kien qallu li x-xoghol ma kienx ghogbu u li kien sar hazin.

Finalment, fuq il-*bumper*, r-rikorrenti qal li "*... l-bumper li kellha l-karozza meta kienet fil-pussess tieghi m'huwiex l-istess bhal ma gie esebit fir-ritratti mill-intimat. Dak huwa bumper iehor differenti. Jista jkun però li jkun immodifikah hu biex ikun jista jdahhal l-intercooler*" (fol. 48).

4. **Bint ir-rikorrenti**, Chantelle D'Alfonso, ikkonfermat li l-intimat kien imur kuljum fil-garaxx ta' missierha u kien joqghod hemmhekk jara lil missierha jahdimlu. Hi ukoll tkun hemmhekk kuljum u dan sabiex tiehu hsieb il-karti tieghu u waqt li kienet tkun hemmhekk u "*... l-intimat mieghi qatt ma lmenta u lanqas ma smajtu jilmenta ma missieri fuq il-vettura*" (fol. 15). Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-kont mahrug minn missierha lil intimat (dok. CDA 1 a fol. 30). Esebiet ukoll żewġ riċevuti CDA 2 (fol. 31) u CDA 3 (fol. 32) tal-*parts* li missierha kien xtara ghal uzu fuq il-vettura ta' l-intimat.

5. **L-intimat** beda biex qal li huwa kellhu vettura Toyota tat-tip Starlet, u li din kien hadha ghand ir-rikorrenti sabiex ittellghalu xi daqqiet li kien fiha. Waqt li l-vettura kienet ghand ir-rikorrenti, huwa ddecieda li jbiddel il-kulur ta' din il-vettura minn bajda ghal vjola. Mistoqsi mit-Tribunal jekk ir-rikorrenti kienx qallu kemm kienet ser tiġi tiswa l-vettura bl-affarijiet kollha li riedu jaghmel huwa qal li "*... r-rikorrenti qatt ma semmili xejn*" (fol. 37). Qal li r-rikorrenti ma kellhu jiffitjalu xejn fil-vettura tieghu u kull ma ried jaghmel kien li jaqla u jerga jwahhal il-parts. Ried però jbiddel xi parts biex minn Toyota Starlet tiġi Toyota Glanza. B'referenza ghar-ritratti li gew esebiti mir-rikorrenti minn fol. 17 il-quddiem, huwa qal li dawn ir-ritratti juru l-vettura tieghu "*... mhux kif hadtha minghandu*" (fol. 37). Zied ighid li "*... wara li kont hadt il-vettura tieghi*

*minghand ir-rikorrenti kont* [hadtha] *ghand Salvu Nappa li huwa sprayer u fil-fatt ir-ritratti li hemm a fol 17 sa fol 20, a fol 24 u a fol 26 juru l-vettura kif kienet wara li jiena kont hadtha ghand dan Nappa*" (fol. 37 - 38).

B'referenza ghal mewġ li r-rikorrenti kien qal li l-vettura kien fiha, liema mewġ hareg iktar fid-deher meta l-vettura ġiet sprejjata minn bajda ghal vjola, l-intimat qal li "*... dan Nappa ha hsieb li jerga jgibhomli perfetti u cioe minghajr mewg*" (fol. 38). L-intimat stqarr li huwa ghandu jaghti elf ewro (€1,000) lir-rikorrenti però peress li x-xoghol ma kienx sar sew mir-rikorrenti, huwa kien hallas €1,350 ghand Nappa biex jirranġa l-gnub tal-vettura u jnehhi l-mewg li kellha. Ghar-rigward tal-parts li kien xtara r-rikorrenti, huwa qal li dawn kien hallashom "*... jekk mhux dakinhar li xtrahom l-ghada*" (fol. 38). L-intimat esebixxa ukoll żewġ ritratti mmarkati bhala dok. MA 4 (fol. 42) u MA 5 (fol. 42) li juru li daqqa li r-rikorrenti kien qallu li kienet ittrangat kienet ghada effettivament hemmhekk. Din id-daqqa imbaghad kien irrangaha Nappa.

B'referenza ghall-kontro-talba minnu intentata, l-intimat ighid li "*... jiena qieghed nitlob il-flus kollha li tajt lir-rikorrenti ghax ma ghamilli xejn xoghol sew*" (fol. 38).

In kontro-ezami, huwa qal li qatt ma lmenta ma kugintu Chantelle D'Alfonso "*... ghax kif diġà ghidt hi lavranta hemmhekk*" (fol. 39) u "*... lanqas ma' l-imghallem u cioe r-rikorrenti ma lmentajt, ma ghidtlux biex ma jkomplix jghaddi z-zmien bija kif kien qieghed jaghmel*" (fol. 39).

Meta gie mistoqsi jekk il-*bumper* ta' quddiem tal-vettura tieghu qatx gie mibdul huwa wieġeb fin-negattiv u li biex sar kif inhu llum, dan ma nqalax iżda saru x-xogholijiet fih. Id-dok. ADA8 juri l-*bumper* kif inhu llum. Din kienet l-unika modifikazzjoni li saret fuq il-vettura wara li kienet ittiehdet minghand ir-rikorrenti. Id-dok. ADA 12 juri l-vettura kif kienet harget minghand ir-rikorrenti.

Qal ukoll li huwa qatt ma kien qal lir-rikorrenti sabiex jirranġalu d-difetti li kien qieghed jghid li kellha l-vettura wara li huwa kien ha l-istess vettura minghandu. Pero lir-rikorrenti kien qallu b'dawn id-difetti waqt li din kienet ghandu. Lir-rikorrenti kien qallu li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti fuq il-vettura tieghu, meta ir-rikorrenti kien cempillu u qallu sabiex jaghtih il-kumplament tal-flus.

6. **Salvu Nappa xehed** u qal li huwa *sprayer* u tellar u kien ilu jahdem f'dan il-qasam ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena. F'Mejju tas-sena 2013, l-intimat kien hadlu vettura tat-tip Toyota Starlet. Dwar din il-vettura, dan ix-xhud qal hekk: "*Ghandi nghid illi jiena meta rajt il-vettura tal-intimat mill-vicin il-ghaliex mill-boghod kienet tidher sew stajt ninnota tperper fuq il-body taghha ma kullimkien, toqob minhabba li l-body filler ma jkunx xkatlat tajjeb, kien hemm l-ispoiler ta' wara li ghalkemm minn barra kienet tidher vjola però minn taht kienet ghadha bajda u fil-fatt x'hin qlajtha anki tahtha kien ghadu abjad*" (fol. 40). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti, fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta' Novembru, 2013 qal li "*ghar-rigward ta' l-ispray minn ġewwa meta Nappa qal illi kien hemm partijiet mill-karozza li ma kienux sprejjati ghandi nghid illi l-ftehim li kien hemm bejni u bejn l-intimat kien li jsir l-ispray minn barra. Minn ġewwa ma konna ftehmna assolutament xejn dwaru*" (fol. 48).

Zied ighid li "*... kien hemm difett iehor li minn mal-bonnet ghal mal-left mud guard cioe fuq il-passenger side l-body mal-mud guard kien qieghed fuq u ghalhekk il-bonnett kien il-fuq iktar mill-mud guard u jien hsibt illi kienet ġejja mic-cappetta, meta mbaghad qlajt il-bonnet u qlajt dan il-mud guard sibt li ma taht cioe mac-chassis kien hemm daqqa, cempilt lill-intimat biex nghidlu jekk kienx jaf b'din id-daqqa u hu qalli li dik id-daqqa suppost kellha tiġi rranġata u anke hu kien sorpriż li ma kinitx fil-fatt ġiet irrangata*" (fol. 40). Ix-xhud gie muri żewġ ritratti (dok. MA4 u MA5) u huwa ikkonferma li din id-daqqa tidher f'dawn ir-ritratti. Fuq dan il-punt, ir-rikorrenti, fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta' Novembru, 2013 esebixxa tlett (3) dokumenti li gew immarkati bhala dok. ADA1, ADA2 u ADA3 li huma *print out* li l-istess rikorrenti ghamel mill-*website* tal-fabbrika u qal li "*.... ghandu jirrizulta li l-qarsa li semma Nappa tidher fl-*

*istess print out ghalhekk dik* [li] *Nappa kien qed jghid li hija qarsa hija xi ħaġa naturali tal-karozza il-ghaliex mill-fabbrika b'dik il-qarsa tohrog. "* (fol. 48).

Dwar il-*mud guards*, ix-xhud qal li dawn minn ġewwa kienu bojod u x-xoghol kellhu jerga jsir mill-gdid. In kontro-ezami, x-xhud qal li l-intimat kien qallu li huwa kien ha din il-vettura ghand haddiehor u li kien sprejaha "*all over*" (fol. 41). Qal li l-intimat kien qallu li x-xoghol ma kienx sar sew u li ried jerga jaghmlu.

Ix-xhud kien kategoriku fi kliemu meta qal li "*... kif diġà ghidt ix-xoghol ma kienx sar kif suppost*" (fol. 41). Il-vettura kien raha l-ewwel darba f'Dicembru, 2012 izda beda jahdem fuqha f'Mejju, 2013.

Ghax-xoghol li huwa ghamel lill-intimat, huwa zammlu s-somma ta' €1,350.

In kontro-ezami, qal li huwa ma huwiex irreġistrat mal-Malta Standards Authority iżda huwa jiġi nkarigat minn diversi kumpaniji ta' assigurazzjonijiet sabiex jaghmel xoghol ta' *panel beating* u *spray*. Qal li kull ma ghamel kien xoghol ta' *spray* fuq il-vettura ta' l-intimat u ma ghamel l-ebda modifika.

7. **Sandro Grech** qal li d-dokumenti immarkati bhala dok. ADA 2 u dok. ADA 3 huma parts tat-Toyota. Dawn id-dokumenti kienu tniżżlu minnu minn programm ghatalposta li ghandhom fuq il-computer taghhom intitolat *electronics part catalogue*. Meta gie muri d-dokument immarkat bhala dok. MA 4 u mistoqsi jekk il-parti oriġinali hijiex l-istess kif tidher f'dan ir-ritratt, huwa qal li ma jistax iwieġeb ghal din il-mistoqsija. Pero d-diagram esebit huwa a true image ta' kif tkun. Jekk hija mghawga fuq id-diagram allura mill-fabbrika mghawga tiġi.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-intimat kien ha l-vettura tieghu tat-tip Toyota Starlet ghand ir-rikorrenti u talbu sabiex jaghmillu xi modifiki fiha sabiex ikun jista jġibha, esterjorment bhala Toyota Ganza. Waqt li l-vettura kienet taht il-kustodja tar-rikorrenti, l-istess intimat kien talbu sabiex jbiddel il-kulur tal-vettura minn bajda ghal vjola u dan kif tidher ahjar mir-ritratti esebiti mill-partijiet. Irrizulta ukoll li l-intimat kien ha din il-vettura ghand ir-rikorrenti fit-tieni parti ta’ Jannar, 2012 u li fil-bidu ta’ Awwissu 2012 l-istess intimat kien ha l-vettura minghandu sabiex ikun jista jehodha fil-garaxx tal-Pulizija sabiex ikun jista jassoggettaha ghal test tad-duhhan u dan peress li kien hemm rapport li din kienet qeghda iddahhan iżżejjed. Wara li ha din il-vettura minghand ir-rikorrenti, l-intimat ma regghax hadha lura ghandu u baqa jżommha. F’Mejju, 2013 l-intimat ha din il-vettura ghand Salvu Nappa sabiex jaghmillu x-xoghol ta’ *spray* fuqha. Dan Nappa ġibed l-attenzjoni ta’ l-intimat li x-xoghol li kien sar fuq din il-vettura ma kienx skond is-sengha u l-arti u meta imbaghad l-intimat mar ghand ir-rikorrenti ghax dan ta’ l-ahhar ried jaghtih il-kont ghax-xoghol u l-affarijiet li huwa kien xtara ghal vettura tieghu, huwa qallu li ma riedx ihallsu l-ghaliex ix-xoghol ma sarx sew.

9. Ir-rikorrenti stqarr ukoll li meta l-intimat kien ha l-vettura tieghu minghandu, huwa ma kienx ghadu lesta x-xoghol kollhu u ghalhekk kien hemm ċertu affarijiet li ma kienux lesti. Dwar il-kwistjoni ta’ l-ispray vjola li ma kienx fuq kull parti u f’kull rokna tal-vettura, r-rikorrenti stqarr li l-ftehim ma l-intimat kien li huwa jaghti l-i*spary* minn barra u mhux minn ġewwa u cioe f’dawk il-partijiet li ma kienux jidhru minn barra. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx din il-verzjoni tar-rikorrenti. Hafna drabi sabiex dak li jkun jiffranka xi haġa jaghmel dawk l-affarijiet li jidhru, iżda fejn ma jidhrux ma jaghmel xejn. Hekk gara f’dan il-kaz. L-uniku kwistjoni li hemm u li t-Tribunal jirriżultalu li r-rikorrenti seta irranġa iżda baqa ma ghamlux kienu l-gnub tal-vettura u cioe dak li r-rikorrenti jsejjahlu l-mewg. Meta l-vettura ta’ l-intimat ġiet sprejjata bil-lewn vjola, l-mewg tal-gnub tal-vettura hareg iktar liema difett sussegwentement gie irranġat minn Salvu Nappa. Jirrizulta ukoll li waqt li l-vettura kienet fil-pussess tar-rikorrenti, l-intimat qatt ma lmenta mieghu li kien hemm xi partijiet mill-vettura tieghu li kellhom jitranġaw jew li x-xoghol ma kienx qieghed isir sew. L-intoppi inqalghu wara li l-intimat ha l-vettura tieghu ghand Salvu Nappa u dan fis-sens li kien dan ta’ l-ahhar li qal lill-intimat li x-xoghol preċedenti ma kienx

sar sew. Pero t-Tribunal ma huwiex konvint minn din il-verzjoni li jaghti dan ix-xhud. Kien ikun ferm desiderabbli li kieku l-intimat kien ha l-vettura tieghu ghand surveyor qabel ma Nappa beda x-xoghol fuq il-vettura tieghu sabiex ikun hemm opinjoni indipendenti. Nappa huwa persuna involuta u dan fis-sens li huwa ghamel ix-xoghol fuq il-vettura ta' l-intimat u b'xi mod ried jiġġustifika dak li kien ser jaghmel lill-intimat. B'dan it-Tribunal ma huwiex jghid li Nappa ma huwiex jghid il-verita. Qieghed jghid biss li Nappa huwa persuna involuta u allura t-testimonjanza tieghu trid titqies minn din l-ottika.

10. L-istess intimat jghid li huwa hallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,300 filwaqt li lill-Napa tah is-somma ta' €1,350. Essenzjalment, Nappa reggha applika l-ispray fuq il-vettura ta' l-intimat wara li huwa kien irrangalu dak li r-rikorrenti kien sejjah mewġ fil-gnub tal-vettura tieghu u fuq parti ohra li r-rikorrenti ma kienx ghamel. Hawn it-tribunbal qieghed jirreferi ghal bumper li kien gie modifikat minn persuna minn Hal-Luqa wara li l-vettura kienet ittiehdet mill-pussess tar-rikorrenti. Kollox ma kollox, ir-rikorrenti ghandu jithallas tax-xoghol li huwa wettaq, però ghar-rigward tal-fatt li huwa ma irrangax il-mewg li kien hemm mal-gnub tal-vettura ta' l-intimat meta l-intimat talbu jaghmel hekk, dan it-Tribunal sejjer inaqqas xi haġa mill-ammont reklamat mir-rikorrenti. It-Tribunal qieghed jillikwida arbitrio boni viri l-ammont reklamat mir-rikorrenti bi tlett mitt euro (€300). Konsegwentement, l-ammont li l-intimat sejjer jiġi kkundannat ihallas lir-rikorrenti ser ikun ta' €731.49c.

11. Ghar-rigward tax-xiri ta' xi *parts* da parti tar-rikorrenti, l-intimat jghid li huwa kien hallsu taghhom però mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex konvint minn dan. Ghalhekk l-intimat jaf lir-rikorrenti ghal dawn l-ispejjez li huwa ghamel.

12. B'referenza ghal kontro-talba, din sejra tiġi michuda l-ghaliex ma huwiex kontestat li r-rikorrenti ghamel xoghol fuq il-vettura tal-intimat, mill-liema xoghol ibbenefika l-istess intimat. L-istess jinghad ghal *parts* li inxtraw mir-rikorrenti u li twehhlu fuq il-vettura ta' l-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

Fir-rigward tat-Talba prinċipali:

1) Jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż;

2) qieghed jilqa in parte t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija wiehed u tletin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€731.49] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

Ghar-rigward tal-kontro-talba, t-Tribunal qieghed jichadha.

L-ispejjez kollha, kemm ghal dak li ghandhom x'jaqsam mat-talba u mal-kontro-talba, ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------